**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (52)

Matul l-aħħar erba' paġni ta' riflessjonijiet qosra li qsamna flimkien dwar l-intervisti li saru f'dawn l-aħħar 40 sena u li ġew pubblikati fuq din il-gazzetta matul dawn l-aħħar 14-il xahar, issa ngħaddi biex naghti ħarsa ħafifa lejn ir-Regatta Nazzjonali fiż-żmienna. Jien mhux se nitkellem dwar l-ilmenti li nisma' mingħand id-dilettanti, dwar l-organizzazzjoni u l-ħin li tieħu r-Regatta, u lanqas beħsiebni noqgħod nipparaguna ż-żminijiet u nsemmi n-nuqqas ta' nies li jattendu u jsegwu dawn it-tiġrijiet tradizzjonali – dawn l-affarijiet kulħadd jafhom, iżda se nitkellem biss dwar x'naħseb li jista' jsir biex ir-Regatta ssir aktar kompetittiva u b'hekk tħajjar lin-nies jergħu jibdew isegwuha.



Dwell finali għall-ewwel post bejn iż-żewġ dgħajjes tal-Midalji tal-Isla fl-edizzjoni tal-1989

Kif aċċennajt fl-aħħar kitba tiegħi, ir-Regatta Nazzjonali qed tieħu ħafna ħin għax matulha għandna żewġ kategoriji ta' tiġrijiet b'żewġ Shields differenti. Jien darba ssuġġerejt li kategorija 'Open' issir f'Jum il-Vitorja – jiġifieri jsiru 5 tiġrijiet biss, u Kategorija 'B' ssir f'Jum l-Indipendenza - 13-il jum wara. B'hekk il-ħin tar-Regatta ma tieħux aktar minn saghtejn u nofs. Rigward it-tiġrija tal-Jum il-Ħelsien, hawnhekk ukoll, Kategorija Open issir nhar-il 31 ta' Marzu u Kategorija 'B' ssir fis-7 ta' Ġunju.

B'hekk inkunu qegħdin inżidu żewġ tiġrijiet oħra fis-sena, li jien nimmaġina li b'daqsxejn ta' pubbliċitá għandhom ikunu ta' attrazzjoni turistika. Darba ssuġġerrejt li waħda minn dawn it-tiġrijiet - Kategorija 'B' (dejjem bħala esperiment ) issir minn taħt Bighi sal-Ponta tal-Isla, jew aktar 'il ġewwa, bħal ma kienu jsiru t-tiġrijiet tal-Wejliet tan-Navy wara l-gwerra u li għalihom kienu jattendu ħafna nies, peress li bħala Maltin konna nissapportjaw il-Ferilla ta' Sant' Anġlu, li xi wħud mill-qaddiefa tagħha kienu qaddiefa regolari fid-dgħajjes tal-Isla u l-Birgu.

Xi tliet snin ilu ssuġġerejt struttura oħra ta' tiġrijiet għax jien nixtieq li din it-tradizzjoni tibqa' ħajja u tibqa' titgawda ta' kull sena minn uliedna u dawk li għad jiġu warajhom – kien hemm minn qabel miegħi u kien hemm minn ma qablix. Sfortunatament minn qabel miegħi ma baqax sod sal-aħħar u finalment qabel ma sħabu. Jekk tridu tkun tafu kemm tabilħaqq marret lura r-Regatta, staqsu lil min mar jara u segwa t-tiġrijiet tat-tfal li saru dan l-aħħar fir-Rinella … jgħidulek li mhux biss mill-attendenza ta' spettaturi iżda wkoll mil-lat ta' parteċipazzjoni mid-distretti.

Inkomplu! Jien issuġġerejt li tinbidel is-sistema tar-Regatta, b'tali mod , li minflok isiru żewġ kategoriji ta' tiġrijiet fir-Regatta ta' Marzu u Settembru, l-Għaqda tar-Regatta tħeġġeġ lid-distretti parteċipanti - biex (ngħidu aħna) għar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien tas-sena d-dielħa jarmaw tajjeb kategorija 'Open' u l-ewwel erba' distretti fil-klassifikazzjoni ġenerali, fir-Regatta ta' Settembru jipparteċipaw fil-kategorija 'Open' b'żewġ dgħajjes f'kull tiġrija (8 dgħajjes b'kollox) u t-tlieta l-oħra jipparteċipaw f'Sessjoni 'B' b'żewġ dgħajjes f'kull kategorija għal Shield ġdida (6 dgħajjes b'kollox). Ovvjament id-distrett li jġib l-inqas punti f'Open, is-sena ta' wara jaqa' f'sezzjoni 'B', u dak id-distrett li jirnexxielu jikseb l-akbar għadd f'sessjoni 'B' is-sena ta' wara jaqdef f'Open. B'din is-sistema ta' tiġrijiet, telimina kull tbassir li jsir qabel kull Regatta għaliex kull distrett jidħol biċ-ċans li jirbaħ ix-Shield.

Jien konvint, li kieku l-Għaqda tar-Regatta tasal biex finalment tesperimenta dan suġġeriment (għal sentejn biss), in-nies terġa' tibda tinżel tara dawn it-tiġrijiet – għaliex is-sistema ta' żewġ dgħajjes f'kull tiġrija kienet sabiħa u eċċitanti ħafna! Jien ma nistax nifhem għaliex hawn distretti li ma jaqblux ma' din is-sistema, meta jafu li sfortunatament bil-qaddiefa li għadhom diffiċli ħafna li jikkompetu mal-clubs il-kbar. Darba ħabib tiegħi qalli, li jekk ma nippruvawx inbidlu s-sistema, maż-żmien id-distretti ż-żgħar għad jingħaqdu mal-kbar u minflok sitta jew seba' distretti, għad ikollna tlieta …

Hawnhekk ukoll, jekk aktar 'il quddiem, il-gvern ( bħala attrazzjoni turistika) għad jiddiċiedi li jintroduċi tiġrijiet tad-dgħajjes fl-erba' festi nazzjonali, allura bejn il-31 ta' Marzu u 21 ta' Settembru, ikollna erba' Regatti minflok it-tnejn li għandna fil-preżent, f'Jum il-Ħelsien u fil-Vitorja jsiru Kategorija 'Open' u fis-7 ta' Gunju u f'Jum l-Indipendenza jsiru Kategorija 'B' - dejjem kull distrett jipparteċipa b'żewġ opri f'kull korsa , u b'hekk ir-Regatta ma tieħux aktar minn saghtejn u nofs – l-aktar tlieta…

Kif tafu, id-drawwa tat-tiġrijiet fil-Port il-Kbir hi antika ħafna . Għandha kważi 400 sena! F'dawn it-tiġrijiet dejjem ħadu sehem opri tradizzjonali Maltin u fit-Tiġrija tal-Vitorja (1822) jissemmew il- Ferilli, Dgħajjes u Kajjikki – s'intendi f'kategoriji differenti, iżda qabel kien hemm opri oħra aktar antiki li llum m'għandhomx jeżistu.

Ir-Regatta ta' Malta hi waħda millftit Regatti fid-dinja li fiha jieħdu sehem biss opri tradizzjonali, u għalhekk min hu responsabbi fit-tmexxija u l-organizzazzjoni ta' dawn it-tiġrijiet tad-dgħajjes, għandu l-obbligu li jżomm din id-drawwa ntatta kif missierijietna għaddewha lilna, u ma ndaħħlux opri barranin fiha bil-ħsieb li nagħtuha l-ħajja u nagħmluha aktar popolari, iżda fil-fatt ikunu qegħdin aktar ndgħajfuha.

Jekk l-Għaqda tar-Regatta għandna ħsieb li aktar 'il quddiem nieħdu sehem fl-Olimpjadi – xewqa kbira ta' ħafna dilettanti bħali li ilna s-snin nistennewha, nitolbu lill-gvern biex jgħin lill-Għaqda Regatta jakkwistaw sett opri li jieħdu sehem bihom fl-Olimpjadi, jintagħżlu grupp ta' qaddiefa (għandna minn fejn nagħżlu), u dawn jibdew jitħarrġu taħt coaches professjonali.

Jien konvint li l-qaddiefa Maltin huma kapaċi jikkompetu f'dawn il-laqgħat ta' qdif internazzjonali u jiksbu suċċess. Din hi l-fehma ta' coach Germaniż ħabib tiegħi u ta' ħafna personaġġi barranin li ammiraw u faħħru ħafna s-saħħa u t-teknika fil-qdif tal-qaddiefa Maltin.

Meta tliet snin ilu kont Slovenja, rajt żewġ settijiet ta' dgħajjes jittrenjaw fil-port, bil-qaddiefa lebsin il-ġerijiet, u minn fuq il-vapur stajt nara tajjeb wieħed mill-club tagħhom, maqtugħ għalih fuq il-moll, attrezzat b'diversi tipi ta' opri tat-tiġrija u ma ġenbu gym kbir u track għall-ġiri. Barra minn hekk, jien naħseb li t-taħriġ ta' dawn l-opri tat-tiġrija fil-Port il-Kbir għandha tkun ta' attrazzjoni kbira mhux biss għalina l-Maltin iżda anke għat-turisti li jżuruna matul ix-xhur tas-sajf.

Ovvjament, mhix ħaġa kbira li l-istorja terġa' tirrepeti ruħha! Niftakar li f'nofs is-snin 50 u 60 , iċ-Ċivil, il-Mediċina, l-Armi, l-Universitá u oħrajn kienu jipparteċipaw fir-Regatta bil-Giggijiet – tiġrija li kienet issir wara l-korsa tad-dgħajjes ta' Bl-Erbgħa. Wieħed jittama li dawn l-għaqdiet u oħrajn (fosthom l-MCAST) jergħu jieħdu l-inizjattiva mill-ġdid, u bl-għajnuna ta' donazzjonijiet minn kumpaniji kbar jew sponsors jiksbu sett dgħajjes Olimpiċi u jorganizzaw Regatta oħra għalihom. Iżda kif aċċennajt qabel, ir-Regatta Nazzjonali nħalluha bl-opri tradizzjonali, u naraw kif nistgħu nsaħħuha mill-ġdid biex in-nies terġa' tibda tinżel isegwiha fil-port…

Ovvjament, fil-fehma ta' ħafna dilettanti li veru għandhom għal qalbhom dawn it-tiġrijiet, ir-Regatta Nazzjonali tista' tieħu r-ruħ biss - jekk id-distretti jinqasmu f'żewġ kategoriji b'Shield differenti … X'jiswa li distrett dgħajjef jikkompeti ma' ieħor b'saħħtu ħafna u rari jirnexxielu jirbaħ palju? Mhux aħjar jikkompeti ma' distretti ta' l-istess livell, biċ-ċans li tirbaħ x-Shield u tferraħ lill-partitarji tiegħek, milli tipparteċipa biss biex tgħid li qed tieħu sehem?

B'dawn l-artikli llum temmejt il-ħidma tiegħi f'dan il-folklor li ilha sejra 45 sena… fil-lista ta' kotba u artikli li ktibt matul dawn is-snin, hemm l-Istorja tat-Tiġrijiet tad-Dgħajjes fil-portijiet Maltin. Għal min jixtieq li jkompli jirriċerka f'dan il-folklor, għandu s-sodda mifruxa u jista' jkompli fejn waqaft jien. Nerġa' ntenni, jien ktibt l-istorja ta' dan il-folklor - mhix vanġelu, ir-riċerka għadha għaddejja, u 'l quddiem jistgħu jinsabu dokumenti oħra li jagħtuna tagħrif ġdid u aktar ddettaljat milli ktibt jien - iżda jien sodisfatt li b'sagrifiċċju kbir personali rnexxieli nikteb l-istorja ta' dan il-folklor antik li jagħmel parti mill-istorja ta' Malta. Grazzi lil dawk kollha li matul dawn is-snin kollha għenuni fir-riċerka u sibthom dejjem ta' għajnuna kull meta kelli bżonnhom ….